

**Brussell, 2 ta' Ottubru 2025  
(OR. en)**

**13296/1/25  
REV 1**

**SOC 627  
EMPL 413  
ECOFIN 1254  
EDUC 364**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

|          |                                                                                                                                                                                                     |
|----------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                    |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                       |
| Suġġett: | Messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi bbażati fuq ir-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi (2025) – Approvazzjoni |

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmużin il-Messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) ibbażati fuq ir-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi għall-2025 (AEPR) u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi għall-2025 (MPI), kif iffinalizzati mill-Kumitat tal-Impjiegi fil-25 ta' Settembru 2025, bil-ħsieb tal-approvazzjoni tagħhom mill-Kunsill fis-17 ta' Ottubru 2025.

L-AEPR sħiħ jinsab fid-dokument 13296/25 ADD 1.

L-MPI jinsab fid-dokument 13296/25 ADD 2.

**Messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi bbażati fuq ir-Rapport Annwali dwar  
il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi għall-2025 u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam  
tal-Impjiegi għall-2025**

1. F'konformità mal-mandat tiegħu skont l-Artikolu 150 TFUE, il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) pproduċa rieżami annwali tas-sitwazzjoni tal-impjiegi fl-UE għall-Kunsill. Dan ir-rieżami jibni fuq il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi (MPI<sup>1</sup>) tal-2025, li jimmonitorja l-progress lejn il-miri ewlenin tal-UE u dawk nazzjonali għall-2030 dwar l-impjiegi u t-tagħlim għall-adulti, u jidentifika mad-daqqa t'għajn l-isfidi ewlenin fil-qasam tal-impjiegi u l-eżiti tajbin tas-suq tax-xogħol madwar l-UE u f'kull Stat Membru.
2. Is-sejbiet ewlenin tal-MPI ta' din is-sena, li ntlaħaq qbil dwaru fil-Grupp ta' Indikaturi tal-EMCO f'Mejju, huma miġbura fil-qosor fir-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi (AEPR) tal-2025. Dawn jikkomplementaw il-konklużjonijiet tas-sorveljanza multilaterali tal-EMCO tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) tal-Kunsill u Rakkomandazzjonijiet oħra tal-Kunsill rilevanti għall-mandat tal-Kumitat fil-qafas tas-Semestru Ewropew, inkluż il-konklużjonijiet tar-Rieżamijiet tal-Konverġenza Soċjali tal-EMCO-SPC tal-2025 abbażi tal-analiżi tal-konverġenza soċjali 'l fuq mill-Kummissjoni f'konformità mal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF)<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> L-MPI jibni fuq is-sejbiet tal-Qafas għall-Evalwazzjoni Konġunta (QEK). Il-QEK huwa għodda ta' valutazzjoni bbażata fuq indikaturi, żviluppat b'mod konġunt mill-EMCO, il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) u l-Kummissjoni Ewropea, li jkopri l-oqsma ta' politika ġenerali u speċifiċi skont il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u għandu l-għan li jidentifika l-isfidi ewlenin u r-riżultati tajba fis-suq tax-xogħol f'dawn l-oqsma u jappoġġa lill-Istati Membri biex jistabbilixxu l-prijoritajiet tagħhom.

<sup>2</sup> Ara r-[Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi \(JER\) tal-2025](#) għall-analiżi tal-ewwel stadju tal-SCF u d-[Dokument ta' Ħidma tal-Persunal](#) tal-Kummissjoni tal-11 ta' April għall-analiżi tat-tieni stadju tal-SCF. Ir-rieżamijiet tal-pajjiżi tal-SCF twettqu mill-EMCO u l-KPS fit-13 ta' Mejju 2025.

3. L-AEPR jipprovdi analiżi tal-indikaturi ewlenin tas-suq tax-xogħol bl-użu tal-aktar data u rapporti annwali reċenti tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-UE (EU-LFS) tal-2024 dwar il-progress lejn il-miri tal-2030, bl-użu tal-approċċi metodoloġiċi approvati mill-Grupp ta' Indikaturi tal-EMCO fl-2022 u fl-2024, rispettivament. Barra minn hekk, ir-rapport jipprovdi analiżi tematika u sommarju tal-isfidi ewlenin fil-qasam tal-impjiegi u eżiti tajbin tas-suq tax-xogħol madwar l-UE u għal kull Stat Membru, filwaqt li jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni tal-prijoritajiet ewlenin tal-UE għas-snin li ġejjin. B'żieda ma' din, ġew identifikati wkoll "xejriet li għandhom jiġu osservati" u "xejriet reċenti pożittivi" li huma komuni għal għadd ta' Stati Membri, filwaqt li ssir enfasi aktar qawwija fuq l-aspett orizzontali tal-bidliet madwar l-Istati Membri.
4. Is-suq tax-xogħol tal-UE baqa' reżiljenti fl-2024. Minkejja tkabbir modest tal-PDG, l-ekonomija tal-UE żiedet 1.73 miljun impjieg fl-2024 meta mqabbla mal-2023, li jirrifletti espansjoni kontinwa fl-impjiegi. Ir-rata ta' impjiegi tal-UE (għall-persuni bejn l-20 u l-64 sena) żdiedet għal 75.8 % fl-2024 minn 75.3 % fl-2023. Din hija l-ogħla rata rreġistrata mill-bidu tas-serje kronoloġika fl-2009 u timmarka erba' snin konsekuttivi ta' tkabbir wara tnaqqis għal 71.7 % fl-2020 minħabba l-pandemija tal-COVID-19.
5. Meta wieħed iħares lejn id-diżaggregazzjonijiet skont l-età, ir-rata ta' impjiegi tal-UE għaż-żgħira bejn l-20 u d-29 sena baqgħet stabbli fl-2024 għal 66.0 %, filwaqt li r-rata għal daww bejn it-30 u l-54 sena żdiedet marġinalment b' 0.4 pp għal 83.4 %. Fl-istess ħin, ir-rata ta' impjiegi għall-ħaddiema akbar fl-età (55 sa 64 sena) kompliet ix-xejra 'l fuq fit-tul tagħha, u żdiedet b'1.3 pp fl-2024 meta mqabbla mal-2023 għal 65.2 % u b'total ta' 22.0 pp mill-2009.
6. Fl-2024, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi fl-UE, iddefinita bħala d-differenza bejn ir-rati ta' impjiegi tal-irġiel u n-nisa ta' bejn l-20 u l-64 sena, naqset bi ftit b' 0.2 pp meta mqabbla mal-2023, u laħqet 10.0 pp. Madankollu, id-distakk għadu għoli, u jissottolinja l-ħtieġa għal sforzi ta' politika akbar jekk l-UE mistennija li mill-anqas tnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi bin-nofsmeta mqabbla mal-2019 u tilħaq il-mira ewlenija tagħha ta' rata ta' impjiegi ta' 78 % sal-2030.

7. Ir-rata ta' parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol (jiġifieri l-perċentwal ta' persuni attivi bejn l-20 u l-64 sena meta mqabbla mal-popolazzjoni totali komparabbli) kompliet titjeb fl-UE fl-2024, u laħqet rekord ġdid għoli ta' 80.4 % (+0.4 pp meta mqabbla mal-2023).
8. Ir-rata tal-qgħad għall-persuni bejn il-15 u l-74 sena naqset marġinalment fl-2024 fl-UE (b'0.2 pp) biex laħqet rekord ġdid baxx ta' 5.9 %, li hija l-aktar rata baxxa mill-2009. Barra minn hekk, ir-rata tal-qgħad fit-tul tal-UE (bħala % tal-popolazzjoni attiva) kompliet tonqos fl-2024 għal 1.9 % minn 2.1 % fl-2023 u 2.4 % fl-2022, filwaqt li s-sehem ta' persuni qiegħda fit-tul fil-qgħad totali naqas ukoll (għal 32.2 % fl-2024 minn 35.0 % fl-2023 u 38.5 % fl-2022). Għalkemm qed jonqos, il-qgħad fit-tul rabba l-għeruw f'xi Stati Membri, u dan ikabbar ir-riskju tad-deterjorament tal-ħiliet, il-faqar u l-esklużjoni soċjali.
9. Ir-rata tal-qgħad tal-UE fost iż-żgħażaġħ bejn il-15 u d-29 sena żdiedet marġinalment b'0.2 pp fl-2024 meta mqabbla mal-2023, għal 11.4 %, ferm ogħla mir-rata ġenerali tal-qgħad, u għalhekk tibqa' sfida ewlenija. Ir-rata ta' persuni bejn il-15 u d-29 sena barra minn impjieg, edukazzjoni jew taħriġ (NEET) kompliet tonqos marġinalment fl-2024 fuq bażi ta' sena b'sena, b'0.2 pp għal 11.0 %. Skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-UE għandha tistinka biex tnaqqas ir-rata ta' NEETs fl-età ta' bejn il-15 u d-29 sena minn 12.6 % fl-2019 għal 9 % fl-2030, partikolarment billi ttejjeb il-prospetti ta' impjieg tagħhom, filwaqt li tikkontribwixxi wkoll b'dan il-mod biex tintlaħaq il-mira tar-rata ta' impjieg ta' 78 % sal-2030.
10. Għall-ġejjieni, l-istħarriġiet jindikaw tnaqqis fir-reklutaġġ u fiż-żieda fil-pagi. L-Indikatur tal-Aspettattivi tal-Impjieg (EEI) tal-Kummissjoni Ewropea, li jiġbor sommarju tal-pjanijiet ta' impjieg tal-maniġers, naqas marġinalment mill-aħħar ħarifa. Skont it-Tbassir Ekonomiku tar-rebbieġha 2025 tal-Kummissjoni, it-tkabbir fl-impjieg fl-UE huwa mistenni li jonqos minn rata ta' tkabbir annwali ta' 0.8 % fl-2024 (1.0 % fiż-żona tal-euro) għal 0.5 % din is-sena u s-sena d-dieħla, kemm fl-UE kif ukoll fiż-żona tal-euro. Ir-rata tal-qgħad hija mistennija li tistabbilizza ruħha din is-sena u tilħaq rekord ġdid baxx fl-2026.

11. Fir-rigward tal-monitoraġġ tal-progress lejn il-miri ewlenin tal-UE, l-UE tibqa' fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira ewlenija tagħha tar-rata ta' impjieg sal-2030, filwaqt li kien hemm xi progress limitat lejn il-mira ewlenija dwar it-tagħlim għall-adulti.
12. Kundizzjonijiet favorevoli tas-suq tax-xogħol fl-2024 qarrbu lill-UE lejn il-mira tagħha tar-rata ta' impjieg għall-2030, b'rata ta' 2.2 pp biss taħt il-valur fil-mira ta' 78 %. Abbażi tad-data annwali tal-UE LFS għall-2024, seba' Stati Membri – żieda minn ħamsa fis-sena ta' qabel – diġà qabżu l-miri nazzjonali tagħhom għall-2030 (is-Slovakkja, l-Irlanda, in-Netherlands, l-Estonja, id-Danimarka, iċ-Ċekja u l-Polonja). Saħansitra, sitt Stati Membri kisbu tkabbir fl-impjieg fl-2024 oġhla mir-rata annwali medja rispettiva tagħhom ta' qabel il-COVID (2013-19). Barra minn hekk, minħabba t-tnaqqis previst fil-popolazzjoni, il-maġġoranza tal-Istati Membri ser ikunu jeħtieġu tkabbir annwali minimu aktar baxx fl-impjieg milli fil-perjodu ta' qabel il-kriżi sabiex jilhq u l-miri nazzjonali tagħhom.
13. Biex wieħed jifhem it-trajettorja lejn il-miri tal-2030, huwa importanti li jiġu eżaminati l-eżiti f'diversi gruppi tal-popolazzjoni. Dan jippermetti l-identifikar ta' dawk li jesperjenzaw prestazzjoni taħt il-medja, fejn l-interventi ta' politika jistgħu jagħtu l-akbar impatt. Din l-analiżi turi li jistgħu jkunu mistennija kisbiet ipotetiċi mit-tisħiħ tar-rati ta' impjieg ta' gruppi differenti, b'lok partikolari għal titjib fost dawk b'livell baxx ta' hiliel (nisa u rġiel) għal għadd sinifikanti ta' Stati Membri, fl-istess ħin li l-Istati Membri jżidu l-livelli tal-hiliel. F'għadd ta' Stati Membri hemm ukoll lok għal titjib b'rabta mar-rata ta' impjieg tal-ħaddiema akbar fl-età (minn 55 sa 64 sena), taż-żgħażaġh (minn 20 sa 29 sena) u nonnazzjonali tal-UE (minn 20 sa 64 sena)<sup>3</sup>. It-trawwim tal-integrazzjoni b'suċċess fis-suq tax-xogħol ta' gruppi attwalment sottorappreżentati jista' jgħin biex jikkontrobilanċja l-impatt tat-tibdil demografiku fuq il-provvista tax-xogħol.

---

<sup>3</sup> Il-potenzjal għal kull Stat Membru u għal kull sottogrupp huwa indikat mid-differenza bejn ir-rata ta' impjieg speċifika u r-rata ta' impjieg medja rispettiva tal-UE (jew il-medja tal-ogħla tliet rati ta' impjieg fl-UE għal dak il-grupp tal-popolazzjoni). Ir-rata ta' impjieg nazzjonali hija espressa wkoll bħala perċentwal tar-rata ta' referenza.

14. Abbażi tal-aħħar ċifri disponibbli mill-AES, ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-UE fit-tagħlim għall-adulti (eskluż it-taħriġ iggwidat fuq ix-xogħol) matul it-12-il xahar preċedenti żdiedet għal 39.5 % fl-2022 minn 37.4 % fl-2016<sup>4</sup>. Ser ikun meħtieġ li jinkiseb aktar progress sinifikanti fil-livell tal-UE biex tintlaħaq il-mira tat-tagħlim għall-adulti għall-2030, f'konformità mal-ambizzjoni meħtieġa sabiex l-Ewropa tibqa' kompetittiva, innovattiva u inklużiva, filwaqt li tinnexxi fil-kuntest tat-trasformazzjonijiet kbar li għandha quddiema. Fuq kollox, l-ilħuq tal-mira ewlenija tal-UE ta' 60 % għad jeħtieġ żieda ta' 20.5 pp sal-2030. Għal dan l-għan, l-isfidi strutturali għandhom jiġu indirizzati, fost l-oħrajn, f'oqsma bħall-Politiki Attivi tas-Suq tax-Xogħol (ALMPs), l-edukazzjoni u t-taħriġ, il-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja.
15. Il-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti tvarja b'mod sinifikanti bejn gruppi differenti, b'involvement aktar baxx fost individwi b'livell baxx ta' ħiliet, adulti akbar fl-età u daww barra mis-suq tax-xogħol – li tenfasizza l-hteġa li jitrawwem aċċess aktar inklużiv għal opportunitajiet ta' tagħlim biex il-ħiliet tal-forza tax-xogħol tal-UE jinżammu aġġornati. Filwaqt li 58.9 % tal-adulti b'livell għoli ta' ħiliet ipparteċipaw fit-tagħlim fl-2022, 18.4 % biss għamlu dan fost daww b'livell baxx ta' ħiliet. Barra minn hekk, 49.5 % taż-żgħażaġh (minn 25 sa 34 sena) ipparteċipaw fit-tagħlim meta mqabbel ma' 29.9 % biss fil-koorti ta' bejn il-55 u l-64 sena. Huwa importanti li 26.8 % biss tal-persuni qiegħda u 23.7 % tal-persuni barra mill-forza tax-xogħol ipparteċipaw fit-tagħlim fl-2022 meta mqabbla ma' 44.7 % tal-impjegati.
16. F'termini ta' prioritajiet tematiċi għall-Istati Membri, l-interpretazzjoni tal-MPI tal-2025 tindika għadd ta' sfidi ewlenin fil-qasam tal-impjiegi, bi hteġa għal aktar monitoraġġ fis-snin li ġejjin. L-isfidi huma identifikati fil-qasam tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari għal gruppi speċifiċi, bħal nonnazzjonali tal-UE, żgħażaġh, persuni akbar fl-età u daww b'livell baxx ta' ħiliet. Fil-qasam tal-provvista tal-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja, l-isfidi huma prinċipalment relatati ma' nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet, nuqqas ta' ħiliet u ħaddiema, dgħufijiet fir-rigward tal-kisba edukattiva tal-popolazzjoni, rati baxxi ta' parteċipazzjoni fit-tagħlim u nuqqas ta' strateġija integrata għat-tagħlim tul il-ħajja. Fir-rigward tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-isfidi ewlenin huma d-dipendenza tal-eżiti edukattivi fuq l-ambjent soċjoekonomiku u ta' migrazzjoni, il-provvista insuffiċjenti ta' opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ biex jiġu ssodisfati l-ħteġijiet tas-suq tax-xogħol u l-inċidenza għolja ta' tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ.

---

<sup>4</sup> Fir-rigward tal-monitoraġġ tal-progress lejn il-miri ewlenin u nazzjonali tat-tagħlim għall-adulti għall-2030, il-Grupp ta' Indikaturi qabel li jkompli juża l-Istħariġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti (mingħajr "taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol") bħala s-sors tad-data għall-kejl tal-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim f'dawn l-aħħar 12-il xahar u li jikkunsidra t-tranżizzjoni għad-data tal-LFS fl-2025, wara valutazzjoni ulterjuri tad-differenzi bejn id-data tal-AES u tal-LFS.

17. Xi pajjiżi jiffaċċaw sfidi relatati mal-funzjonament tal-benefiċċji tal-qgħad u/jew l-impatt tas-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji fuq il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol (pereżempju, nases tal-pagi baxxi, nases tal-qgħad, nases tal-inattività). Is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol tibqa' wkoll problema f'diversi Stati Membri. Ġew identifikati sfidi addizzjonali fil-qasam tal-ALMPs, bħall-funzjonament tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) u l-inċidenza għolja ta' qgħad fit-tul. Fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, tħassib ewlieni huwa l-persistenza tad-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi, kif ukoll id-differenzi fil-pagi bejn il-ġeneri, filwaqt li fil-qasam tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-forniment u l-użu ta' servizzi ta' indukrar huma fost il-kwistjonijiet ewlenin.
18. L-analiżi tidentifika wkoll "xejriet reċenti pożittivi" komuni tal-UE u "xejriet negattivi li għandhom jiġu osservati". B'mod partikolari, il-MPI jenfasizza għadd ta' żviluppi pożittivi għall-perjodu 2023-24, bħal żieda fir-rata ta' impjieg ta' ħaddiema akbar fl-età fi 17-il Stat Membru, u żieda fis-sehem ta' adulti b'edukazzjoni medja jew għolja u fit-tlestija tal-edukazzjoni terzjarja jew ekwivalenti (bejn it-30 u l-34 sena), it-tnejn osservati fi 15-il Stat Membru. Barra minn hekk, qed tiġi osservata żieda fir-rata ta' impjieg (bejn l-20 u l-64 sena) u fl-impjiegi totali, u tnaqqis fid-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi fi 13-il Stat Membru. L-MPI jidentifika wkoll għadd ta' xejriet negattivi għall-perjodu 2023-24: deterjorament (jiġifieri żieda) fil-kostijiet nominali ta' unità lavorattiva<sup>5</sup> fi 23 Stat Membru kif ukoll tnaqqis fis-sehem ta' persuni impjegati ġodda f'14-il Stat Membru.
19. Il-ħidma reċenti ta' sorveljanza multilaterali tal-EMCO turi li l-Istati Membri wettqu riformi fl-oqsma ta' politika li kienu identifikati mill-EPM bħala prijoritajiet. Madankollu, għad fadal sfidi sinifikanti, kif rifless ukoll fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2025, li kienu aktar komprensivi milli fis-snin preċedenti, li jimmarkaw bidla lil hinn mill-approċċ "parsimonjuż" introdott fl-2022.

---

<sup>5</sup> L-indikatur "kost nominali ta' unità lavorattiva" ġie introdott fil-QEK f'kuntest ekonomiku fejn it-tħassib ewlieni kien it-tnaqqis fil-kompetittività tal-kostijiet tal-UE u tal-Istati Membri. Madankollu, f'dawn l-aħħar snin tqiesu wkoll fatturi oħra, bħar-rwol u l-impatt ta' pagi adegwati fuq is-sodisfazzjon fix-xogħol, l-iżvilupp tal-ħiliet, il-produttività u t-tkabbir ekonomiku.

20. ALMPs effettivi jibqgħu essenzjali, b'mod partikolari fil-kuntest ta' nuqqas kbir ta' ħaddiema u ħiliet u l-ħtieġa li jiġi indirizzat il-qgħad fit-tul. Qed jiġu introdotti miżuri biex tissaħħaħ l-integrazzjoni tan-NEETs u l-persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol, inkluż bit-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa, u permezz ta' inċentivi u kampanji ta' informazzjoni għall-impjegaturi. Filwaqt li l-Istati Membri qed jintensifikaw l-isforzi biex l-ALMPs tagħhom ikunu mmirati aħjar, inkluż permezz ta' sussidji għall-impjiegi, u t-tisħiħ tal-kapaċità u l-għoti tas-servizzi tal-PES, għad fadal lok għal aktar titjib. Ġew osservati wkoll differenzi bejn il-ġeneri, fejn huwa inqas probabbli li n-nisa li jipparteċipaw f'miżuri ta' attivazzjoni. Għalhekk, huma meħtieġa aktar sforzi biex tiġi estiża l-kopertura tal-ALMP – speċjalment fid-dawl tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u l-implikazzjonijiet tat-tibdil demografiku fuq is-suq tax-xogħol.
21. L-Istati Membri qed jieħdu azzjonijiet biex itejbu l-ħiliet u l-kompetenzi u jindirizzaw sfidi speċifiċi fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Diversi Stati Membri nedew riformi kbar, li jinkludu l-modernizzazzjoni tal-kurrikuli u t-tisħiħ tal-professjoni tat-tagħlim, iżda l-impatt tagħhom għadu mhux jinħass. Qed jiġu implimentati wkoll miżuri biex tiżdied aktar id-disponibbiltà ta' programmi ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid, jissaħħaħ l-appoġġ immirat għall-persuni li qed ifittxu impjieg u jiġu adattati l-kurrikuli tal-VET għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Madankollu, f'ħafna każijiet hemm il-ħtieġa li dawn l-isforzi jiġu intensifikati, u li jissaħħu l-politiki biex titrawwem il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, jiġu attirati nazzjonali ta' pajjiżi terzi b'livell tajjeb ta' ħiliet komplementari mat-talent fl-UE, jiġi indirizzat id-deterjorament tal-ħiliet bażiċi u diġitali u, fejn rilevanti, jiġi indirizzat in-nuqqas ta' għalliema.

22. Għe osservat impenn wiesa' biex jiġu indirizzati l-fatturi istituzzjonali, inkluż il-leġislazzjoni dwar it-tassazzjoni u l-protezzjoni tal-impjegi, li spiss jixprunaw is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u jinċentivaw it-tranżizzjonijiet lejn kuntratti indefiniti. Qed jiġu implimentati wkoll miżuri biex jiġu integrati forom ġodda ta' xogħol fil-leġislazzjoni, bħal xogħol ibridu u mill-bogħod. F'ħafna Stati Membri għad hemm lok kbir għal titjib biex it-tassazzjoni tiċċaqlaq lil hinn mix-xogħol lejn bażijiet għat-taxxa oħra u biex jiġi evalwat it-tfassil ta' sistemi ta' taxxa u benefiċċji biex tiżdied il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u jiġu inċentivati sigħat tax-xogħol itwal. It-tfassil tas-sistemi ta' taxxa u benefiċċji għad irid jitlejje b'ħafna pajjiżi tal-UE, fejn għad hemm diżinċentivi sinifikanti għax-xogħol għall-persuni inattivi, dawk qiegħda, il-ħaddiema b'paga baxxa u l-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul. Dan it-tfassil fqir tas-sistemi huwa wkoll wieħed mill-fatturi li wasslu għal disparitajiet bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol, li jinfluwenzaw b'mod qawwi l-għażliet tax-xogħol fl-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari dawk tal-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul.
23. Is-Semestru Ewropew jibqa' għodda ta' koordinazzjoni effettiva biex jitrawmu t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv, il-kompetittività, l-impjegi, u l-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali adegwati. Iċ-ċiklu tal-2025 immarka wkoll b'mod importanti l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika tal-UE, b'reżiljenza soċjali u ekonomika, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali identifikat bħala wieħed mill-prijoritajiet komuni tal-UE. Fid-dawl tar-riskji negattivi identifikati fit-Tbassir Ekonomiku tar-rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni, iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2026 għandu jkompli jiffoka fuq l-indirizzar tal-isfidi attwali u emerġenti tas-suq tax-xogħol. Għandu jappoġġa wkoll it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u jwieġeb għall-implikazzjonijiet tat-tibdil demografiku fuq is-suq tax-xogħol u jikkontribwixxi għall-għan ġenerali li tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE.

24. Il-Kumitat tal-Impjiegi jistenna b'interess l-inizjattiva li jmiss għal Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità u jstieden lill-Kummissjoni biex tqis l-Opinjoni tiegħu dwar id-dimensjonijiet tal-kwalità tal-impjiegi, ippreżentata lill-Kunsill EPSCO ta' Ġunju 2025, bi tħejjija kemm tal-Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità kif ukoll tal-Pjan ta' Azzjoni ġdid tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Grupp ta' indikaturi tal-EMCO bħalissa qed jaġġorna l-qafas eżistenti ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-impjiegi, bl-għan li jidentifika l-aktar indikaturi xierqa biex jiġu vvalutati d-dimensjonijiet ta' politika rilevanti sal-ewwel tliet xhur tal-2026. F'konformità ma' dan il-qafas, għandu jiġi integrat monitoraġġ aktar sistematiku tal-kwalità tal-impjiegi fiċ-ċiklu li jmiss tas-Semestru Ewropew.

---